Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur Oriana Spiteri u Spettur Eman Hayman]

vs

Carmelo Dalli

Fredrick Dalli

Charlston Cassar

Lee Julian Cassar

Josloann Cassar

Redent Cassar

Tristan Cassar

Kurt David Azzopardi

Kumpilazzjoni Numru: 256/19

**Illum, 11 ta' Marzu 2022**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Carmelo Dalli** detentur tal-karta tal-identità numru 437259M, **Fredrick Dalli** detentur tal-karta tal-identità numru 619882M, **Charlston Cassar** detentur tal-karta tal-identità numru 126992M, **Lee Julian Cassar** detentur tal-karta tal-identità numru 436393M, **Josloann Cassar** detentrici tal-karta tal-identità numru 442693M, **Redent Cassar** detentur tal-karta tal-identità numru 425194M, **Tristan Cassar** detentur tal-karta tal-identità 48497M u **Kurt David Azzopardi** detentur tal-karta tal-identità numru 102901L, akkuzati talli nhar il-21 ta' April 2019 fil-hinijiet ta' bejn it-1445hrs u l-1600hrs gewwa Bormla

1. Volontarjament wetqu reat meta ingabru f'gemgha ta' ghaxar min nies jew aktar bil-hsieb li jaghmlu reat fejn aktar minn tnejn minnhom kellhom fuqhom armi regulari u dan bi ksur ta Artikolu 63, 65 u 68(2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

2. Ghamlu lil haddiehor ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra fil-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta, jew jekk kienu ipprovokati, ingurjaw b'mod li hargu barra mil-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur ta Artikolu 339(e) ta Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

3. Kissru l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'ghajjat u bil-glied jew b'xi mod mhux imsemmi band'ohra fil-Kodici Kriminali u dan bi ksur ta Artikolu 338(dd) ta Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

4. Hebbew kontra persuna/i sabiex jingurjawhom, idejjquhom jew ghamlu hsara lil dawn il-persuna/i jew lil haddiehor, kemm-il darba 'l-fatt ma jkunx jaqa' taht xi disposizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali u dan bi ksur ta Artikolu (339(d) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Lill Carmelo Dalli, Charlston Cassar, Josloann Cassar u Kurt David Azzopardi talli:

5. Volontarjament ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioè offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Roderick Brincat hekk kif iccertifika Dr David Grima Med. Reg. 3588 u dan bi ksur ta' Artikolu 216, 217 u 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Lill Fredrick Dalli, Redent Cassar u Tristan Cassar talli:

6. Volontarjament ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioè offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Amadeo Brincat hekk kif iccertifika Dr Sascha Buttigieg Med Reg 4097 u dan bi ksur ta' Artikolu 216 u 218 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Lill Charlston Cassar, Tristan Cassar, Lee Julian Cassar u Kurt David Azzopardi talli:

7. Volontarjament ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioè offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Ryan Brincat hekk kif iccertifika Dr Susan Mallia Med Reg 2253 u dan bi ksur ta' Artikolu 221(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Lill Carmelo Dalli, Redent Cassar, Lee Julian Cassar u Kurt David Azzopardi talli:

8. Filwaqt li kienu qed jaghmlu reat kontra l-persuna, kellhom fuq il-persuna taghhom xi arma regolari jew munizzjoni jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oggetti u ma gabux prova xort'ohra li kienu qed igorru l-istess armi regolari bi skop legittimu u dan bi ksur tal-Artikolu 55 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta

Lill Redent Cassar wahdu talli:

9. Volontarjament ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioè offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Christine Sammut, hekk kif iccertifika Dr Karim Abdalla Med Reg 3887 liema gerha giet maghmula bi strument li jaqta' jew iniggez (sikkina) u dan bi ksur ta' Artikolu 221(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

10. Garr il-barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellu licenza jew permess minghand il-

kummisarju tal-pulizija u dan bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

11. Talli wettaq reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill Qorti tal-Magistrati nhar il 13 ta' Lulju 2017 mill-Magistrat Dr Anthony G. Vella LL.d, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula;
12. Talli wettaq reat waqt li kien taht Ordni ta' Probation moghtija mill-Qorti tal-Magistrati nhar il-09 ta' Lulju 2018 mill-Magistrat Dr N. Galea Sciberras LL.d, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Lill Fredrick Dalli u Charlston Cassar talli:

13. Kisru il-kundizzjonijiet tal-libertà provizorja imposti fuqhom mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), fejn fil-kaz ta' Fredrick Dalli dawn il-kundizzjonijiet inghataw fis-seduta preseduta mill-Magt. Dr. Audrey Demicoli LL.D nhar l-14 ta' Marzu 2019 meta inghata l-helsien mill-arrest taht depozitu u garanzija personali li jammontaw ghal 6,000 Ewro u li fil-kaz ta' Charlson Cassar tali kundizzjonijiet inghataw fis-

seduta preseduta mill-Magt. Dr. Doreen Clarke LL.D nhar l-24 ta' Jannar 2019 meta inghata l-helsien mill-arrest taht depozitu u garanzija personali li jammontaw ghal 20,000Ewro.

Lill Carmelo Dalli:

14. Talli wettaq reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati nhar il 11 ta' Ottubru 2016 mid-dakinhar Magistrat Dr F. Depasquale LL.d, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Lill Fredrick Dalli:

15. Talli wettaq reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati nhar il-11 ta' Mejju 2017 mill-Magistrat Dr. Anthony G. Vella LL.d, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Lill Charlston Cassar:

16. Talli wettaq reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill Qorti tal-Magistrati nhar 13 ta' Lulju 2017 mill-Magistrat Dr Anthony G. Vella LL.d, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Lill Lee Julian Cassar:

17. Talli kiser ordni ta' obligazzjoni in atti, wara li nhar il 20 ta' Dicembru 2018 nstab hati mill-Magistrati ta Malta, Dr Charmaine Galea LL.d u dan biex ma jiffastidjax lill-Roderick Brincat, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imsemmi Fredrick Dalli u Charlston Cassar u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmija imputati kif ukoll tordna li 6,000Ewro u 20,000Ewro rispettivament jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inklusa fil-mori tal-kawza kontra Carmelo Dalli et al, ai beneficju ta' Roderick

Brincat, Ryan Brincat, Amadeo Brincat u Christine Sammut u familjari taghhom, u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba f'kaz ta' htija, biex tipprovdi ghall-persuni ta' Roderick Brincat, Ryan Brincat, Amadeo Brincat, Christine Sammut u familjari taghhom, jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil imputati, b'obbligazzjoni taghhom nnifshom taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 *et seq* tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xeraq.

Il-Qorti giet finalment mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija mputati sabiex ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija il-Qorti giet mitluba titratta lil Carmelo Dalli, Fredrick Dalli, Charlston Cassar, Lee Julian Cassar, Josloann Cassar, Redent Cassar u Tristan Cassar bhala persuni recedivi meta gew is-

sentenzjati mil-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definitivi u ma jistax jigu mibdula u dan bi ksur tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ezami tal-imputati fejn huma wiegbu mhux hatja tal-akkuzi kif dedotti kontrihom;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata sitta (6) ta' Jannar tas-sena elfejn u ghoxrin (2020), fejn elenka l-Artikoli taht liema tista' tinstab htija fl-imputati (fol 581 u 582) u cioe' taht is-segwenti Artikoli tal-Ligi:

Dalli Frederick, Dalli Carmelo, Cassar Lee Julian, Cassar Redent, Cassar Josloann nee Brignone, Cassar Charlston, Cassar Tristan, Azzopardi Kurt David

1. fl-artikoli 63, 65 u 68(2)(3) tal-Kapitlolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kapitlolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. fl-artikolu 338(dd) tal-Kapitlolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. fl-artikolu 339(d) tal-Kapitlolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fir-rigward ta' Carmelo Dalli, Charlston Cassar, Josloann Cassar u Kurt David Azzopardi:

5. fl-artikoli 214, 215, 216 u 217 tal-Kapitlolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fir-rigward ta' Frederick Dalli, Redent Cassar u Tristan Cassar:

6. fl-artikoli 214, 215 u 216 tal-Kapitlolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fir-rigward ta' Charlston Cassar, Tristan Cassar, Lee Julian Cassar u Kurt David Azzopardi:

7. fl-artikoli 214, 215 u 221(1) tal-Kapitlolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fir-rigward ta' Camelo Dalli, Redent Cassar, Lee Julian Cassar u Kurt David Azzopardi:

8. fl-artikolu 55(a) tal-Kapitlolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fir-rigward ta' Redent Cassar wahdu:

9. fl-artikolu 221(1) tal-Kapitlolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

10. fl-artikolu 6 tal-Kapitlolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

11. fl-artikolu 28B tal-Kapitlolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

12. fl-artikolu 23 tal-Kapitlolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fir-rigward ta' Frederick Dalli u Charlston Cassar:

13. fl-artikolu 579(1)(2) tal-Kapitlolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fir-rigward ta' Carmelo Dalli wahdu:

14. fl-artikolu 28B tal-Kapitlolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fir-rigward ta' Frederick Dalli wahdu:

15. fl-artikolu 28B tal-Kapitlolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fir-rigward ta' Charlston Cassar wahdu:

16. fl-artikolu 28B tal-Kapitlolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fir-rigward ta' Lee Julian Cassar wahdu:

17. fl-artikolu 387 tal-Kapitlolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Kif ukoll fl-artikolu 412C fil-konfront tal-imputati ghall-beneficcju ta' Roderick Brincat, Ryan Brincat, Amadeo Brincat u Christine Sammut rispettivament;

Fir-rigward ta' Carmelo Dalli, Frederick Dalli, Charlston Cassar, Lee Julian Cassar, Josloann Cassar, Redent Cassar u Tristan Cassar:

Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta skont kif japplika rispettivament.

Rat il-fedina penali tal-imputati (Dok 'OS5', Dok 'OS8', Dok 'OS11', Dok 'OS14', Dok '17', Dok '20', Dok '23' u Dok '26');

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti;

Ikkunsidrat illi din il-kawza tittratta fuq argument nhar il-Ghid il-Kbir tal-21 ta' April 2019 bejn il-familja tal-imputati u l-familja tal-parte civile fuq affarijiet familjari.

## Ikkunsidrat

Xehed l-**Ispettur Eman Hayman** li spjega x'wassal ghall-arrest tal-akkuzati. L-Ispettur qal li l-arrest sehh minhabba aggressjoni vjolenti fuq persuna bl-isem ta' Roderick Brincat, li kien mizzewweg lil Janice Brincat, li hija familjari tal-imputati. Spjega li ftit granet precedenti ghall-gurnata meta gew arrestati, jigifieri f'Hadd il-Ghid, kien hemm argument fuq manteniment bejn Roderick u l-eks mara tieghu Janice, li ma kinux baqghu flimkien. Ikompli jghid li l-argument eskala u l-pulizija hadu rapport ta' dak illi gara. Spjega li aktar 'il quddiem, kienet waslitilhom informazzjoni u kienu konsapevoli illi l-familja maghrufa bhala tal-'muga', illi t-tmien imputati huma parti minn din il-familja, kienu rrabjati ghal Roderick Brincat. Qal li l-pulizija kienu kelmu kemm lill-vittma Roderick Brincat u jghid li hu stess flimkien mas-Supretendent, iltaqghu ma' Fredrick u Kurt David, li jigi t-tifel ta' Fredrick, liema imputati gharaf gewwa l-awla. Ikompli jghid li fl-

istess gurnata f'Hadd il-Ghid, kien gie infurmat li kienet inqalghet glieda kbira, fejn l-Ispettur kien mar fuq il-post u skopra li l-glieda kienet aktar minn sempliciment glieda bejn zewg persuni, izda kien attakk fuq Roderick Brincat mill-familjari kollha tal-'muga', li kienu hdax-il individwu, fejn tmienja minnhom huma l-akkuzati f'din il-kawza. Jispjega li l-pulizija kienu baghtu lill-vittmi sabiex jiehdu l-kura medika, fejn tnejn minnhom sofrew griehi gravi u tnejn griehi hfief. Qal li Roderick kellu jdejh miksura, kif ukoll xi daqqiet ma' rasu u punti f'wiccu, u Amadeu kellu ksur f'idejh. Ix-xhud esebixxa erba' certifikati medici mmarkati Dok 'EH1', Dok 'EH2', Dok 'EH3' u Dok 'EH4'. Kompla billi qal li l-pulizija hadu dikjarazzjoni b'mod separat minn dawn l-erba' vittmi u l-erba' vittmi b'mod unanimu qablu fil-verzjoni taghhom u indikaw dak li kien sehh lilhom. Spjega li kien gie rrapurtat illi l-ghan specifiku kien li jigi attakkat Roderick Brincat u li dan l-attakk kien sehh meta Roderick kien qieghed fl-inhawi maghrufa x-Xaghjra ta' Bormla vicin *kiosk* li kienet qed isservi xi xorb. Spjega li Roderick kien qasam ghall-faccata u dahal go kamra li kienet tintuza bhala *public convenience.* Spjega li hekk kif hareg Roderick minn din il-kamra, gie attakkat l-ewwel minn Kurt David u qal li gie rrappurtat li kien hemm attakki

b'armi. L-Ispettur spjega li l-pulizija akkwistat ukoll filmati fejn din il-glieda giet irrekordjata.

Xehdet **Christine Sammut** illi tispjega li kienu baghtu ghaliha l-pulizija f'Hadd il-Ghid fejn ghamlet rapport mal-pulizija dwar incident li kien gara dakinhar stess. Spjegat li qabel ma baghtu ghaliha l-pulizija, hija cemplitilhom sabiex iferrqu l-glieda li kien hemm bejn habiba taghha Janice Brincat u missier uliedha Amadeo Brincat. Irrakkontat l-incident ta' dakinhar u spjegat li hi u habiba taghha kienu marru l-*Bambo Kiosk* tax-Xghajra ta' Bormla. Spjegat li kif marru hemm, rat lil eks taghha Amadeo li kien ma' Ryan u Roderick Brincat mal-*bar* fejn kienu qeghdin jiehdu *drink* mal-familja taghhom. Spjegat li hi ma resqitx lejhom ghax taf li Amadeo, l-eks taghha, hu ragel vjolenti. Kompliet tghid li wara xi kwarta, Amadeo, Ryan u Roderick qamu u mxew faccata. Ix-xhud tghid li hasbithom ha jmorru d-dar izda fil-pront, bdiet tara hafna nies fuq xulxin, u rat lil Amadeo jiggieled u jipprova jissielet. Spjegat li rat lil dawn ic-corma nies hdejn il-latrina izda dak il-hin ma setghetx taghraf in-nies hlief lil Amadeo, peress li kienet mohha fih ghax huwa missier it-tfal taghha. Qalet li qasmet tigri u marret tipprova twaqqaf lil Amadeo milli jkompli jiggieled. Spjegat

li kien hemm glieda bejn il-kugin ta' Amadeo u l-mara li Amadeo gieli kellu relazzjoni maghha. Qalet li bdew jiggieldu fuq manteniment. Qalet li hin minnhom rat lil Amadeo mal-art u beda jirvilla u hi provat tikkalmah. Ix-xhud gharfet lil Fredrick Dalli li spjegat li kien gie fl-idejn ma' Amadeo. Qalet li anka hi sofriet griehi hfief ghax qalghet daqqa ta' sikkina m'ghand xi hadd, izda lil dan il-persuna, hi m'gharfitux fl-awla. Ziedet tghid li fl-awla gharfet biss tlitt min-nies minn dawk li kienu qeghdin jiggieldu: Roderick Brincat, Ryan Brincat u sahansitra Amadeo Brincat, izda tispjega li lil Roderick u Ryan gharfithom ghax rathom maghha l-*polyclinic* wara l-glieda mhux waqt il-glieda. Id-dikjarazzjoni li kienet saret lix-xhud giet esebita u mmarkata bhala Dok. 'EH5'.

Xehed **Roderick Brincat**, wiehed mill-vittmi, fejn esebixxa hames ritratti li gew immarkati bhala Dok. 'RB1' Dok. 'RB2', Dok. 'RB3', Dok. 'RB4' u Dok. 'RB5', li juru l-griehi li sofra. Gharaf l-imputati kollha fl-awla u qal li Kurt, li jigi t-tifel ta' hu l-mara tieghu, sawtu bil-frostin. Spjega li kien ghamel rapport ghax f'Hadd il-Ghid kien gie msawwat ghat-tieni darba mill-istess familja. Spjega li jumejn qabel l-incident, l-eks mara tieghu kienet ghamlitlu rapport li ma kienx qieghed jaghtiha l-manteniment. Spjega li hebbet ghalih

quddiem il-pulizija u qal li lanqas il-pulizija ma rnexxielhom izommuha milli tkompli thebb ghalih.

Kompla jghid li dakinhar tal-incident, mar Bormla ghal xis-2pm u mar jiehu *drink* mat-tfajla tieghu Roxeanne Brignone ghand *Bambo Kiosk.* Qal li kien hemm xi nies li qalulu li kienu lesti ghalih. Kompla spjega li meta wasal hemm, ra lill-eks mara tieghu, u kif ukoll lil Fredrick. Irrakkonta li kien dahal fil-*bar* ta' gewwa, ha *drink* u nofs, u qal lit-tfajla biex jitilqu. Zied jghid li x'hin qasam it-triq, ra lil Kurt Azzopardi jipparkja l-karozza. Wara ftit sekondi dar u sab lil Kurt ma' wiccu li tah daqqa bi frostin taz-zwiemel. Spjega li wara li tah daqqa bil-frostin, gie hu x-xhud, jigfieri Ryan Brincat, biex jehodlu l-frostin minn idejh u wara li hadhielu, baqa' jzommu u mbaghad bdew jipprovaw iferrquhom in-nies. Ftit wara dar u ra lil Julian u lil kuginuh Amadeo gol-hamrija. Qal li hasibhom qed jiggieldu u mar biex iferraqhom. Qal li Julian gie bi frostin ghat-tieni darba, izda wara rrealizza li dan kien frostin differenti minn ta' qabel. Sadanittant, il-mara tieghu waddbitlu zarbuna, u kkawzatlu griehi f'mohhu. Kompla jghid li waqt li beda jipprova jferraqhom, gie missierhom, Carmelo Dalli, li beda jerfa' jdejh fuqu, u beda jghajjat u jaghti bic-catt go wiccu. Zied jghid li kienu

gew tnejn ohra bil-karozza u l-ewwel bdew billi daru lil huh fejn tefghuh mal-art u tawh bil-ponn, u x-xhud kien mar biex jipprova jghinu izda daru ghalih ukoll. Jghid li jiftakar li kienu sawtuh Charlston, Julian, Tristan izda ma jiftakar xejn izjed wara. Xehed li lil Amadeo ma kienx rah jiggieled, izda rah biss hdejn Julian izommlu l-frostin. Spjega li wara tefghuh gol-karozza u l-eks mara tieghu kissret il-*windscreen.*

Xehed **Ryan Brincat,** wiehed mill-vittmi li qal li dakinhar ta' Hadd il-Ghid, kien mar Bormla ma kuginuh, Amadeo, x'il-hdax ta' filghodu u qal li huh, Roderick, mar hdejhom ghal x'is-saghtejn ta' wara nofsinhar. Spjega li wara li hareg mit-*toilet*, ra lil Kurt jaghti lil Roderick bil-frostin. Spjega li hadlu l-frostin minn idejh u f'daqqa wahda hass daqqa fuq wara u daruh Tristan, Charlston, Julian u Kurt. Kompla jghid li gie huh jghinu izda komplew jaghtu lil huh ukoll. Qal li kellu ugigh ma' gismu kollu u ghalhekk, mar il-*polyclinic.* Ix-xhud gharaf lill-imputati kollha fl-Awla.

Xehed **Amadeo Brincat,** wiehed mill-vittmi li rrakkonta l-incident li kien gara f'Hadd il-Ghid meta kien ma' kuginuh Ryan gewwa *bar* f'Bormla. Qal li wara ftit wasal Roderick u ra lil Kurt jiggieled

mieghu u jaghtih bil-frostin. Kompla jispjega li ftit wara, ra lil Lee Julian gej bil-frostin u qal li qabez fuqu biex izommlu l-frostin. Qal li mbghad ra lil tnejn minn huthom resqin lejhom, Tristan u Redent, li qabdu jtuh. Qal li tefghuh mal-art u xxuttjawh. Spjega li ra lill-eks tfajla tieghu b'farret go saqajha u qaltlu li sa mnalla kienet hi ghalih ghax li kieku Redent kien ha jdahhallu s-sikkina f'ghonqu lil Amadeo. X'hin ikkalma kollox, qal li Fredrick resaq lejh u qallu 'issa inti jmissek' u prova jsawwtu. Ix-xhud gharaf lill-imputati fl-Awla.

Xehed **Dr Martin Bajada** li kien gie nominat sabiex jipprezenta erba' kopji ta' CDs. Dawn gew esebiti u mmarkati Dok. 'MB1'.

Xehdet **Dr Susan Mallia** li iddentifikat u spjegat il-griehi li kellu fuqu Ryan Brincat wara li ezaminatu dakinhar tal-incident.

Xehdet **Dr Sacha Buttigieg** li iddentifikat u spjegat il-griehi li kellu fuqu Amadeo Brincat wara li ezaminatu dakinhar tal-incident.

Xehed **Dr David Grima** li spjega l-griehi li kellu fuqu Roderick Brincat wara li ezaminah dakinhar tal-incident.

Xehdet **WPS 210 Tania Mangion** fejn qalet li dakinhar tal-incident kienet giet infurmata minghand Janice Brincat li kienet ghaddejja glieda quddiem il-Bambo *Kiosk* gewwa Bormla bejn il-familja taghha u l-eks ragel taghha Roderick Brincat. Ix-xhud gharfet ftit mill-imputati gewwa l-Awla pero` ftit minnhom stqarret li ma tiftakarhomx ghax waqt l-incident kien hemm paniku shih.

Xehed **PC 215 Clint Zahra** li spjega li ghall-habta tat-3:10pm kienu gew infurmati minn Janice Brincat li kien hemma argument bejn il-familja taghha u l-eks ragel taghha u ghalhekk mar fuq il-post. Ix-xhud gharaf ftit mill-imputati gewwa l-Awla.

Xehed **l-Ispettur Eman Hayman** fejn esebixxa ritratt ta' sikkina li kienet instabet go vettura li tappartjeni lil certu Nazzareno Dalli illi mhuwiex wiehed mill-imputati, liema ritratt gie mmarkat Dok. 'EH6'. Ix-xhudipprezenta ukoll tlitt vera kopji ta' sentenzi fl-ismijiet ta' *'Il-Pulizija vs Lee Julian Cassar'* tal-20 ta' Marzu 2018*,* *'Il-Pulizija vs Redent Cassar'* tat-30 ta' Jannar 2018 *u 'Il-Pulizija vs Redent Cassar',* tat-30 ta' Jannar 2018, liema sentenzi gew immarkati Dok. 'EH7', Dok. 'EH8' u Dok. 'EH9' rispettivament.

Xehed **Dr Karim Abdalla** li kkonferma l-gerha li kellha f'saqajha Christine Sammut wara li kien ezaminaha dakinhar tal-incident wara li qalghat daqqa ta' sikkina f'saqajha x-xellugija.

Xehed **PS 1593 Alfred Cachia** li gie mitlub sabiex jaghti rendikont ta' x'kien l-involviment tieghu u tat-tim tieghu dakinhar tal-incident. Spjega li xogholhom kien li jikkalmaw is-sitwazzjoni bejn iz-zewg familji li kienu qed jiggieldu u cioe` dik ta' Janice u dik ta' Roderick Brincat.

Xehed **PC 1007 Jean Pierre Pizzuto** mill-*Forensic Unit* fejn ipprezenta CD u *pendrive* li gew immarkati bhala Dok. 'JP1' li juru filmat ta' dak li gara dakinhar tal-incident mill-*Bamboo Kiosk*.

Xehed **Joseph Ellul,** is-sid tal-gabbana *Bamboo Kiosk* li kienet il-gabbana ta' fejn sar l-incident. Qal li l-glieda sehhet kwazi 40 metru 'l boghod mill-gabbana u ghalhekk, m'gharafx min kienu waqt li kienet qieghda ssehh ghax skont ix-xhud, *"rajt gegwigija ta' nies jaghtu. Gegwigija kbira. Kien hemm hafna nies fil-festa. Rajt nies jiggieldu imma kien hemm hafna nies".* Il-prosekuzzjoni

iddikjaratu bhala xhud ostili ghaliex kellha filmat li kien prova li x-xhud kien qieghed jara l-glieda waqt li sehhet. Ix-xhud spjega li kien jaf bil-glieda ghaliex bdew jiggieldu fejn il-latrina, li jiehu hsieb hu stess. Gie mistoqsi jekk gharafx lill-akkuzati waqt il-glieda izda wiegeb fin-negattiv u baqa' jghid li ma jiftakarhomx, lanqas wara li gew il-pulizija u kkalmaw is-sitwazzjoni, ghaliex kien hemm *"gegwigija ta' nies".*

Xehed **l-Ispettur Eman Hayman** li pprezenta ghoxrin sentenza (Dok. 'EH10' sa 'Dok. E30').

Xehdet **Dr Yanika Camilleri** li kienet giet innominata mill-Qorti fis-6 ta' Mejju 2019 sabiex taghmel it-traskrizzjoni *audiovisual* tal-istqarrijiet tal-imputati kollha. Esebixxiet it-traskrizzjoni li giet immarkata Dok. 'YC1'.

Fl-istqarrija ta' Charlston Cassar, mehuda nhar is-26 t'April 2019, huwa ma wiegeb ghall-ebda mistoqsija.

Fl-istqarrija ta' Lee Julian Cassar, mehuda nhar is-26 t'April 2019, huwa ma wiegeb ghall-ebda mistoqsija.

Fl-istqarrija ta' Tristan Cassar, mehuda nhar is-26 t'April 2019, l-imputat wiegeb ghal ftit mill-mistoqsijet li gie mistoqsi, fejn fosthom qal li Janice Brincat hi ohtu u kif ukoll wiegeb fin-negattiv meta gie mistoqsi jekk xi hadd sawwatx lil Roderick Brincat bi frostin. Qal li la lil Roderick ma jaf u lanqas lil huh Ryan u kuginuh Amadeo.

Fl-istqarrija ta' Redent Cassar, mehuda nhar is-26 t'April 2019, wiegeb ghall-mistoqsija wahda biss fejn ikkonferma li jaf lill-wiehed mill-vittmi, Roderick Brincat ghax jigi l-eks ragel t'ohtu li jisimha Janice Brincat.

Fl-istqarrija ta' Kurt David Azzopardi, mehuda nhar is-26 t'April 2019, wiegeb biss ghall-mistoqsija wahda, meta gie mistoqsi jekk jafx xi haga dwar il-fatt li waqt l-incident, kien hemm Carmelo Dalli u Lee Julian Cassar bil-frostin, u wiegeb fin-negattiv.

Fl-istqarrija ta' Carmelo Dalli, mehuda nhar is-26 t'April 2019, spjega li hu u Roderick Brincat hbieb kbar u qal li kuljum jixorbu l-kafè flimkien. Spjega li dakinhar tal-incident filghodu, kien

qieghed ma' Roderick u ma' huh Ryan ghand tal-pastizzi gewwa Bormla. Stqarr li ma kienx jaf li dan l-ahhar, it-tifla tieghu Janice kellha l-problemi ma' Roderick. Stqarr ukoll li ma kellux idea li Roderick, li hu habib sew tieghu, kien gie attakkat f'Hadd il-Ghid. Meta gie mistoqsi dwar jekk hux vera li hu kellu frostin, ma wiegibx, izda meta gie mistoqsi jekk huwiex dilettant taz-zwiemel, wiegeb li ghandu ziemel. Qal li dakinhar tal-incident kien qieghed l-Isla jixrob mal-erbat itfal tieghu Fredrick, Lee Julian, Charlston u Redent. Meta gie infurmat li kien hemm *camera* li lilu gabitu jidher isawwat lil Roderick u l-Ispetturi talbuh jikkonferma, huwa baqa' jinnega dan.

Fl-istqarrija ta' Josloann Cassar, mehuda nhar is-26 t'April 2019, spjegat li fl-Irxoxt kienet marret tiehu *drink* mar-ragel taghha li jismu Lee Julian Cassar, ix-Xghajra Bormla. Meta giet mistoqsija jekk tiftakarx li hemmhekk ratx lil Fredrick Dalli, Charlston Cassar, Redent Cassar, Tristan Cassar, Kurt David Azzopadi u Roderick Brincat, hi qalet li ma tiftakarx ghaliex kien hemm wisq nies. Wiegbet ukoll li lil Roderick Brincat ma tafux u lil Janice Brincat tafha minn wiccha biss izda ma tafhiex sew. Tkompli tghid li ma tiftakarx li nqalat glieda dakinhar u tichad il-fatt li hi kienet bdiet

tghajjar u taghti d-daqqiet lil Roderick biz-zarbun taghha. Kompliet tghid ukoll li lil Ryan u Amadeo Brincat ma tafhomx sew izda tafhom biss ghax huma minn Bormla u li kieku kellha terga' tarahom, kienet ha taghrafhom. Spjegat li dakinhar tal-incident, rat xi rgiel jilletikaw bejniethom izda qalet li ma tafx min kienu ghax kien hemm wisq nies. Qalet li fl-ebda hin ma rat lir-ragel taghha Lee Julian Cassar bi frosta f'idejh u li fl-ebda hin ma ratu jsawwat lil xi hadd. Spjegat li kull ma kienet taf hu li kienet inqalghet glieda bejn Roderick u l-familja tar-ragel taghha.

Fl-istqarrija ta' Fredrick Dalli, mehuda nhar is-26 t'April 2019, spjega li f'Hadd il-Ghid, kien mar is-suq ta' Bormla u wara mar sal-gabbana *Bamboo Kiosk* jiehu erbgha birra. Jikkonferma li lil Roderick jafu u li anka jaf li Roderick kien involut fi glieda dakinhar tal-Irxoxt. Qal li hu ma kienx ra l-glieda izda ra l-filmati. Qal li Roderick, Ryan u Amadeo dahlu fit-*toilet* jigbdu l-kokaina mbaghad hargu aggressivi mit-*toilet* u darulu t-tifel tieghu, Kurt David Azzopardi. Spjega li hu kellu xi jghid ma' Amadeo meta mbuttah u qallu *"inti tindahalx mur 'l hemmhekk",* izda la lil Roderick u lanqas lil Ryan ma kellem, ahseb u ara kemm iggieled maghhom. L-Ispettur qallu li l-verzjoni tieghu ma taqbilx ma' ta'

Roderick ghaliex Roderick qal li huma li bdew jattakkawh u mhux vici-versa. Kompla jghid li hu ma jafx ezatt kif grat il-glieda ghax ma rahiex. Qal li ftit qabel l-incident, ohtu Janice inqalghet f'argument ma' Roderick meta Roderick kien qalilha *"biex intik il-manteniment irrid inbiegh id-drogi bhal hutek".* Qal li hu ma ra lil hadd tal-familja apparti lil ibnu Kurt David u nnega ukoll li hu kien qieghed fejn il-latrina x'hin bdiet il-glieda. Insista li hu ma kienx ra l-glieda ssehh izda kienet qaltlu bil-glieda Christine, li tigi l-eks tfajla ta' Amadeo Brincat.

Xehdet **Roxanne Brignone** li qalet li dakinhar ta' Hadd il-Ghid, kienet qieghda gewwa Bormla ghand il-*Bamboo Kiosk,* mal-eks taghha Roderick Brincat. Spjegat li x'hin harget mit-*toilet*, semghet hafna ghajjat u rat konfoffa kbira, izda qalet li ma rat lil hadd jaghti daqqiet lil hadd iehor. Qalet li gabret l-affarijiet taghha u marret fil-karozza. Gharfet l-imputati kollha gewwa l-Awla.

Xehed **l-Ispettur Eman Hayman** li esebixxa erba' sentenzi fil-konfront ta' Charlston Cassar, li gew immarkati Dok. 'EH31', Dok. 'EH32', Dok. 'EH33' u Dok. 'EH34' u kif ukoll xabla, liema ritratt taghha gie esebit u mmarkat Dok. 'EH35'.

Xehdet **l-Ispettur Oriana Spiteri** li qalet li fil-21 t'April 2019, kienet qieghda *duty* u giet infurmata mill-kollega taghha l-Ispettur Eman Hayman li kienet sehhet glieda bejn zewg familji ('tal-lupu' u 'tal-muga'). Tghid li l-ghada kienet dahlet xoghol u tablet lil tal-forensika sabiex imorru fuq il-post u jigbru filmat tal-*Bamboo Kiosk.* Spjegat li sadanittant, kienu lahqu kellmu lill-vittmi li kienu involuti fl-argument u kienu hadulhom dikjarazzjoni tal-verzjoni taghhom. Spjegat li kienu taw l-istess verzjoni illi l-familja l-ohra ('tal-muga') u cioe li kienu hebbew ghalihom b'oggetti iebsin fosthom frosta u sikkina kbira. Tixhed li fil-filmat li kienu gabu, kienet rat lil Carmelo Dalli li kien ghaddej tiela' u nizel it-triq, b'persuna minorenni fuqu. Qalet li aktar tard dehru Amadeo Brincat u Ryan Brincat hergin mil-*Bamboo Kiosk* fejn dawn qasmu faccata fejn hemm il-gnien, u ftit wara hareg Roderick Brincat mat-tfajla tieghu li qasmu ukoll lejn il-gnien. Ftit wara, Carmelo ha lill-minorenni l-bandli, u rega' qasam lura. Spjegat li ftit tal-hin wara, Carmelo u Kurt David Azzopardi dehru jaqsmu t-triq, fejn Kurt David f'idu x-xellugija kellu tazza u f'idu l-leminija kellu xi haga twila u rqiqa, li tghid li kienet issusspettat mal-ewwel li hi frosta. Spjegat li pogga d-*drink* fuq ic-cint, dahal jigri gewwa u beda

jsawwat lil Roderick Brincat b'dik li hi ssusspettat li kienet frosta. Tghid li wara dahal Carmelo, imbaghad Fredrick Dalli u Josloann Cassar, u wara deher tiela' ukoll Lee Julian Cassar. Spjegat li deher li Kurt David kien qieghed isawwat lil Roderick u Ryan Brincat, fejn Ryan beda jipprova jifridhom. Qalet li Fredrick u Carmelo kienu qeghdin isawtu lil xi hadd iehor, izda li ma setghetx tiddentifikah. Ftit tal-hin wara, hareg Amadeo minn gol-gnien u Carmelo u Amadeo dehru jitghannqu. Spjegat li gie jidher Fredrick niezel, ixammar il-kmiem tal-qmis, u qabad lil xi hadd b'mod aggressiv, pero` fuq il-filmat ma deherx lil min kien qabad. Spjegat li mbaghad dahlu ukoll Fredrick, Amadeo u Carmelo gewwa sabiex isawtu lil Ryan. Qalet li nqalghet kommossjoni ukoll f'nofs tat-triq, x'hin Josloann Cassar dehret ixxejjer zarbun tat-takkuna hamra f'idejha. Spjegat li f'daqqa wahda, deher kulhadd niezel jigri 'l isfel u dehru jitilghu Charlston, Tristan u Redent Cassar, fejn Redent kellu sikkina twila f'idejh li kien qieghed izommha b'idu l-leminija. Tghid li Carmelo beda jipprova jzomm lil Redent milli jkompli tiela' 'l fuq bis-sikkina pero` dan kien kollu ghalxejn ghax dan xorta rnexxielu jitla'. Qalet li l-filmat kien jikkorrispondi mal-verzjonijiet li kienu tawha l-vittmi u b'hekk, minn hemm kienu ghamlu mandat t'arrest fil-konfront tal-imputati. Tghid li fis-26 t'April, hi u l-

kollegi taghha kienu arrestaw l-imputati kollha fejn dakinhar stess, kienet ittiehditilhom l-istqarrija fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Ix-xhud iddentifikat lill-imputati kollha fl-awla.

Xehed **Joseph Ellul,** sid il-*Bamboo Kiosk* li qal li waqt li kienet ghaddejja l-glieda dakinhar tal-incident, ma seta' jaghraf lil hadd ghaliex kien hemm *"tgegwigija shiha ta' glied ghajjat, storbju".* Wara kien gie infurmat mill-pulizija dwar min kien involut fil-glieda. Ix-xhud gharaf lil wiehed mill-vittmi Amadeo Brincat fl-Awla.

Xehdet **l-Ispettur Joanna Piscopo** li esebiet vera kopja tal-*bail conditions* li kienu nghataw lill-imputat Fredrick Dalli fis-sentenza tal-14 ta' Marzu 2019 fl-ismijiet *'Il-Pulizija vs Fredrick Dalli'* quddiem il-Magistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D., li giet immarkata Dok. 'JP1'.

Xehed **l-Ispettur Eman Hayman** li esebixxa vera kopja tal-*bail conditions* li kienu nghataw lill-imputat Charlston Cassar fis-sentenza tal-24 ta' Jannar 2019 fl-ismijiet *'Il-Pulizija vs Charlston Cassar'* quddiem il-Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D., li giet

immarkata Dok. 'EH36'. Esebixxa wkoll il-vera kopja tas-sentenza tad-9 ta' Lulju 2018 fl-ismijiet *'Il-Pulizija vs Redent Cassar',* quddiem il-Magistrat Dr. Natasha Galea Sciberras LL.D., li giet immarkata Dok. 'EH37'.

Xehed **Roderick Brincat** fejn stqarr li minn mindu gara l-incident, ma nqala' l-ebda incident iehor bejniethom u qal li jixtieq jahfer. Qal li llum il-gurnata huma hbieb u gieli jiehdu te` flimkien.

Ikkunsidrat:

Illi l-proceduri odjerni jirrigwardaw glieda li nqalghet bejn zewg familji, maghrufin bhala 'tal-muga' u 'tal-lupu', fejn uhud mill-imputati allegatament ikkawzaw griehi gravi u whud minnhom allegatament ikkawzaw griehi hfief fuq diversi vittmi.

Illi l-Qorti immedjatament tinnota r-rinunzja da parti tal-vittma Roderick Brincat fejn iddikjara car u tond fuq il-pedana tax-xhieda li huwa jixtieq jahfer lill-imputati u li llum il-gurnata huma hbieb. Ghaldaqstant il-Qorti mhijiex ser tiehu aktar konjizzjoni ta' dawk l-akkuzi li jirrigwardaw propju r-reati mwettqa fil-konfront tal-

vittma Roderick Brincat u li huma rinunzjabbli, bhalma huma l-akkuzi relatati mal-griehi hfief.

Illi l-vittma Christine Sammut ukoll allegatament sofriet minn griehi hfief pero` minkejja dan, l-istess vittma waqt ix-xhieda taghha qalet li hija ma setghetx tiddentifika min mill-imputati fl-awla kien ikkawzalha l-griehi li hija soffriet u hija tghid illi kien xi hadd minn wara u f'daqqa wahda hasset weggha f'saqajha. Di fatti hija ma ppuntat subghajha lejn l-ebda wiehed mill-imputati. Ghaldaqstant l-akkuzi relatati mal-griehi hfief (cioe' akkuza disgha (9)) inflitti fuq Chistine Sammut ma jirrizultawx ippruvati sal-grad rikjest mil-Ligi.

Illi l-vittma Ryan Brincat ukoll allegatament sofra minn griehi hfief fejn fix-xhieda tieghu spjega li meta ra lill-imputat Kurt David Azzopardi jattakka lil Roderick Brincat bi frostin, mar sabiex jehodulu minn idejh u f'daqqa wahda hass daqqa fuq wara fejn daruh l-imputati Tristan, Charlston, Julian u Kurt. Huwa car hawnhekk li ghalkemm il-vittma pprova jifred, l-imputati xorta wahda daruh biex isawtuh u kienu proprju l-imputati li marru fuqu

biex jattakkawh. Kienu di fatti l-imputati li hawnhekk bdew il-glieda ghal dak li jirrigwarda l-vittma Ryan Brincat.

Ghar-rigward l-akkuzi li jittrattaw il-griehi gravi, il-Qorti tinnota li x-xhieda okulari kollha mressqa mill-Prosekuzzjoni qalu li kien hemm gegwigija ta' nies. Di fatti l-ebda wiehed mix-xhieda okulari ma ddentifika lil xi hadd in partikolari li beda l-glieda u ghalhekk il-Qorti m'ghandha l-ebda konfort f'dan is-sens.

Il-Qorti pero` tinnota li l-verzjoni tal-vittmi kollha qablu, fejn l-erbgha li huma qalu li l-glieda bdewha l-familja 'tal-muga' li hija l-familja tal-imputati. Wiehed mill-vittmi, Roderick Brincat, xehed li l-ewwel persuna li qabad itih kien l-akkuzat Kurt David Azzopardi li kien qed itih b'frostin. Il-vittmi l-ohrajn, Ryan u Amadeo Brincat, xehdu wkoll li l-glieda bdiet meta raw lil Kurt David Azzopardi jaghti bil-frostin lil Roderick Brincat. Hadd mill-imputati ma xehed f'dawn il-proceduri u di fatti l-verzjoni tal-vittmi li l-glieda bdiet mill-imputati qatt ma giet kontradetta.

Illi apparti minn hekk, il-Qorti nnutat ix-xhieda tal-Ispettur Oriana Spiteri, li spjegat fid-dettal dak li hija rat minn fuq is-CCTV *footage*

tal-kiosk fejn sehhet il-glieda inkwistjoni. Hija xehdet li l-persuna li bdiet l-glieda kien l-imputat Kurt David Azzopardi, li skont is-CCTV *footage* deher b'xi haga twila u rqiqa f'idejh, issuspettata frosta, fejn dahal gewwa u qabad jaghti lill-vittma Roderick Brincat bl-oggett li kellu f'idejh. Ghaldaqstant apparti li l-vittmi stess iddentifikaw lill-imputat Kurt David Azzopardi bhala l-persuna li bdiet il-glieda, dan gie kkorroborat mill-Ispettur Oriana Spiteri li ghalkemm ma kinitx prezenti fuq ix-xena waqt li kienet qed issehh il-glieda setghet tixhed a bazi ta' dak li hija rat mis-CCTV *footage.*

Illi ghalhekk gie stabbilit li Roderick Brincat sofra minn griehi gravi minhabba li aggredih l-imputat Kurt David Azzopardi.

Illi Amadeo Brincat ukoll allegatament sofra minn griehi gravi u f'dan is-sens il-Qorti ghandha biss il-verzjoni tieghu fuq liema tista' tistrieh. Il-vittma hawnhekk qal li meta wasal Roderick Brincat ra lil Kurt David Azzopardi jiggieled mieghu u jtih bil-frostin. Ftit wara ra lil Lee Julian gej bil-frostin u ghalhekk qal li qabez fuqu biex izommlu l-frostin. Qal li mbaghad ra lil tnejn minn huthom resqin lejhom, Tristan u Redent, li qabdu jtuh fejn tefghuh mal-art u xxuttjawh. Qal li l-eks tfajla tieghu qaltlu li kieku ma kienx

ghaliha kieku Redent kien ha jdahhallu sikkina f'ghonqu. Zied jghid li x'hin ikkalma kollox, qal li Fredrick resaq lejh u qallu '*issa inti imissek'* u prova jsawtu.

Hawnhekk il-Qorti tinnota li ghal darb'ohra kienu l-imputati, din id-darba Tristan Cassar u Redent Cassar, li marru fuq il-vittma, din id-darba Amadeo Brincat sabiex isawtuh u ghalhekk kienu huma li bdew il-glieda. Rigward is-sikkina pero` hadd iktar ma semma' din l-istess sikkina u lanqas Amadeo stess hlief meta jikkwota dak li qaltlu l-eks tfajla tieghu. Apparti minn hekk l-Ispettur Eman Hayman li esebixxa ritratt ta' sikkina, qal li din instabet go vettura li tappartjeni lil certu Nazzareno Dalli illi mhuwiex parti minn dawn il-proceduri. Illi ghalhekk ma hemm l-ebda prova sodisfacenti fir-rigward tal-akkuzi li jirrigwardaw il-garr ta' sikkina.

Illi fir-rigward tal-akkuza li tittratta l-garr ta' arma regolari, din l-akkuza wkoll ma tistax tirrizulta ghaliex kif inhu mnizzel fl-Att dwar l-Armi (Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta), 'arma regolari' *"ghandu jkollha l-istess tifsira moghtija lilha bl-artikolu 64 tal-Kodici Kriminali u ghandha tinkludi arma tan-nar kif imfissra f'dan l-artikolu".* Il-Kodici Kriminali jipprovdi li *"Huma armi regulari l-*

*armi kollha tan-nar, u l-armi, strumenti u l-ghodod l-ohra kollha li ghandhom bhala skop principali d-difiza ta' wiehed innifsu jew l-offiza ta' haddiehor".* Illi l-akkuza inkwistjoni ssemmi biss l-arma regolari u ghalhekk frostin ma jaqax taht l-ambitu ta' arma regolari, u b'hekk din l-akkuza ma tistax tirrizulta.

Illi ta' min jghid ukoll illi ghalkemm gie esebit il-filmat tal-incident dan qatt ma gie ezaminat minn espert imqabbad mill-Qorti u l-prosekuzzjoni ma tistax tippretendi illi din il-Qorti ghandha tiftakar l-imputati kollha waqt li tkun qed tirredigi s-sentenza u tara jekk dawk il-persuni fil-filmat humiex l-imputati odjerni. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax tiehu dan il-filmat bhala prova valida skont il-ligi.

Illi l-ewwel akkuzi addebitati lill-imputati huma bbazati fuq l-Artikoli 63 u 65 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li hija r-rissa akkumpanjata bi vjolenza u l-Artikolu 65 jistabbilixxi zieda fil-piena meta din tkun akkumpanjata b'arma regolari.

Illi kif diga' ntqal ma ngabitx il-prova li kien hemm arma regolari u wisq anqas li kien hemm *common design* tant rikjest ghal dawn

ir-reati. Dan ghaliex din il-glieda kienet wahda *imromptu* meta dawn iz-zewg familji ltaqghu u fejn gara xi haga min-naha jew l-ohra u ghalhekk bdiet il-glieda. Fil-fatt ebda prova rigward dawn l-akkuzi ma ngabu mill-prosekuzzjoni. Wisq anqas ma tista' tinstab htija taht l-Artikolu 68 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan stante li ma giex stabbilit li kien hemm ghaxar (10) min-nies jew aktar.

A rigward l-akkuzi hamsa (5) u sitta (6) addebita lil xi whud mill-imputati, jinghad illi mal-harsa tan-nota tar-rinviju tal-Avukat Generali datata 6 ta' Jannar elfejn u ghoxrin (2020) fejn huwa indika l-Artikoli u senjatament fejn semma l-Artikolu 216 dan sar minghajr ma ssemma' s-subartikolu li suppost ghandha tapplika u ghalhekk stante dan in-nuqqas u stante li din il-Qorti ghandha tistrieh kompletament fuq dak li stabbilixxa l-Avukat Generali f'din in-nota ma tistax tapplika l-Artikolu 216 in *vacuum* u ghalhekk dawn l-akkuzi ma jistghux jigu akkolti.

A rigward il-griehi hfief subiti minn Ryan Brincat, gialadarba din il-Qorti ma hix qed tiehu l-filmat bhala prova valida u gialadarba l-istess Ryan Brincat sostna illi ma jafx min tah id-daqqa go rasu,

din il-Qorti ma ghandhiex is-serhan tal-mohh li tista' tippunta kontra xi imputat partikolari.

Illi a rigward l-akkuzi tal-ksur tas-sentenzi sospizi (11, 14 u 16) fil-konfront ta' Redent Cassar, Carmelo Dalli u Charlston Cassar, hekk kif qalet l-abbli difiza fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, dawn qatt ma gew ikkonfermati bil-gurament jekk qatt sar appell minnhom, kundizzjoni li hija *sine qua non* f'dawn it-tip ta' akkuzi. L-istess jinghad ghall-akkuza tnax (12) dik kontra l-imputat Redent Cassar.

Illi a rigward is-sbatax (17) l-akkuza u cioe' dik li l-imputat Lee Julian Cassar naqas li jobdi Ordni taht l-Artikolu 383 Kapitolu 9, jinghad illi gialadarba il-parte civile Roderick Brincat kien hafer in atti lill-imputati kollha, mela anke din l-akkuza ma tistax tigi ppruvata ghaliex din l-akkuza hija intrinsikament marbuta mal-volonta' tal-parte civile.

Illi a rigward it-tlettax (13) il-akkuza din il-Qorti taqbel perfettament mas-sottomissjonijiet tad-difiza fejn dawn id-digrieti ma gewx ikkorroborati bil-fatt li kienu japplikaw fil-

perjodu tal-allegat reati u ghalhekk anke dawn ma jsibux il-konfort tal-ligi.

Illi l-Qorti taqbel ukoll mad-difiza ghal dak li jirrigwarda l-addebiti tar-recidiva u a skans ta' ripetizzjoni ta' dak li ntqal fin-nota ta' sottomissjoni taghha, mhix ser tiehu konjizzjoni ta' dawn is-sentenzi.

Illi finalment u a rigward l-akkuzi li jikkoncernaw il-kontravvenzjonijiet jinghad illi m'hemmx dubju illi l-glieda saret bejn l-imputati u l-parte civile fejn inqala' kommossjoni kbira tant illi l-paci pubblika giet allarmata (Art 339 (dd). Illi ugwalment gie ppruvat illi l-imputat Frederick Dalli hedded lil Amadeo Brincat b'atti li jmorru kontra l-ligi (Art. 339(1)(e) Kap 9). Illi ma jistax jinghad l-istess a rigward l-akkuza bbazata fuq l-Artikolu 339 (1)(e) u dan ghaliex l-Avukat Generali fin-nota tieghu citata aktar 'il fuq ikkwotat l-Artikolu tal-Ligi hazin u minflok nizzlitu bhala Art. 339(d) u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni tieghu.

Illi ghal dawn il-motivi ssib lill-imputati Carmelo Dalli, Frederick Dalli, Charlston Cassar, Lee Julian Cassar, Josloann Cassar, Redent Cassar, Tristan Cassar, Kurt David Azzopardi hatja tat-tielet (3) u r-raba' (4) akkuzi u tikkundannhom ghal ammenda ta' erbghin ewro (€40) kull wiehed filwaqt li tilliberhom mill-akkuzi l-ohra kollha stante li ma gewx ippruvati.

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**